MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 944/2005

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Aquilina James**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm155.77), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 1001765 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2004 u Settembru 2004.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru**

**pprezentat kontestwalment mal-avviz, dawk ta’ l-ittra ufficjali lill-banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta’ Novembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u hamsa u hamsin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm155.77), bl-imghax legali mill-1 ta’ Marzu, 2005 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-1 ta’ Marzu, 2005, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, dawk ta’ ittra ufficjali lill-banek relativa ghall-imsemmi mandat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------